MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 486/2007

**C & H Bartoli Ltd**

**Vs**

**Isaac Mallia**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta` Gunju, 2007, fejn gie mitlub sabiex il-konvenut Isaac Mallia, jigi kkundanna jhallas lis-socjeta` attrici, s-somma ta` mija u tlieta u tminin lira u erbgha u sebghin centezmu (Lm183.74), rapprezentanti ammont li kien ghadu dovut skond kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhal Dok. A.

Gie notat illi l-konvenut ghalkemm notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Gie notat illi fil-mori ta` din il-kawza, Dr. Harding ghas-socjeta` attrici kien irrinunzja t-talba tieghu fir-rigward tas-*sorte* u fir-rigward ta` l-ispejjez tal-mandat, in vista tal-fatt li kien sar pagament fil-mori ta` l-istess kawza.

Ra illi l-kawza giet differita ghas-seduta ta` llum sabiex jingiebu l-provi kollha dwar il-kap ta` l-ispejjez.

Gie notat illi l-konvenut baqa` ma deherx ghalkemm imsejjah tlett darbiet sabiex jikkontesta l-kap ta` l-ispejjez.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi fil-waqt illi ma jibqax jiehu aktar konjizzjoni tat-talba attrici ghar-rigward is-*sorte* u l-kap ta` l-ispejjez fil-konfront tal-mandat biss, jilqa` t-talba attrici, fil-kumplament tal-kap ta` l-ispejjez u konsegwentement dan ghalhekk jikkundanna lil konvenut ihallas l-ispejjez ta` din il-procedura, bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` l-odjern avviz.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------